28 ta' Dicembru 2020

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/1963/20* |
| *Lokazzjoni:* | *Site at Triq Sam Gakbu Rabat* |
| *Proposta:* | Proposed construction of an agricultural store consisting of a ground floor basement, construction of an underground reservoir and staircase. Proposed re-positioning of existing open reservoir including construction of rubble wall. |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Farrugia Annie**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellanti Annie Farrugia tesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2020, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 1963/20.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fit- 2 ta' Dicembru 2020, l-istess Kummissjoni irrifjutat l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellanti ihoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annessi:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi l-Awtorita naqset li tikkunsidra fatti materjali u cirkostanzi partikolari tas-sit mertu tal-kaz odjern b' mod korrett.

1.2 Illi certament li l-Awtorita kienet obbligata li tqis kull cirkostanza li jista jkollha effett fl-applikazzjoni de quo u tiddeciedi l-istess anke a bazi ta' tali konsidreazzjonijiet. Dan skont dak provdut fl-artikolu 72 tal-Kap. 552. Izda fuq kollox kellha tara li dak propost, kif ukoll dak sottomess mill-consultees jigi applikat b; mod korrett.

1.3 Illi l-ERA kienet cara illi minkejja li hija kienet kontra il-proposta, l-istess proposta ma kellha l-ebda impatt sinjifikattiv fuq l-istat tas-sit bhala parti minn sit Natura 2000. Illi dan juri bic-car illi "**it can be duly demonstrated through the necessary assessment that the development does not compromise the site scheduling characteristics**".

1.4 Illi ghaldaqstant kienet zbaljata l-Awtoirta li fl-ewwel lok tirrifjuta applikazzjoni sempliciment ghaliex consultee kien kontra l-izvilupp, kif ukoll kienet zbaljata meta applikat hazin dak sottomess f' tali konsultazzjoni stante li huwa car li l-izvilupp huwa konformi ma dak provdut fil-policy 2.5A tal-RPDG.

1.5 Illi huwa car li zvilupp ta' dan it-tip m' huwiex ezklus mill-istess policy, u ghalhekk l-istess decizjoni hija pplikazzjoni manifestament zbaljata ta' dak li tghid l-istess policy.

1.6 Illi r-ragunijiet ta' rifjut huma kollha irrilevanti ghall-kaz odjern stante li l-gustifikazzjoni ta' l-izvilupp propost hija cirkostanzi fattwali u materjali, u l-applikant jiggustifika l-applikazzjoni tieghu billi l-istess hija necessarja li ssir fl-ODZ u fis-sit de quo.

1.7 Illi l-ammont u d-dettal tar-reservoirs huwa dettal li certament jista jigi facilment indirizzat anke minn dan it-Tribunal fid-decizjoni tieghu.

Ghaldaqstant, l-appellanti qed jitlobu li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkazzjoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita u jordna illi jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Elenku tax-xiedha:

1. Id-Direttur ta' l-Ippjanar sabiex jixhed fuq il-posizzjoni tad-Direttorat u fatti ohra.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**